CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO għas-Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), Uffiċċju għad-Deputat Prim Ministru u Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi s-sottomissjonijiet tal-ERU Competitive Calls imniżżla hawn taħt għandhom jintlaqgħu sal-10.00 a.m. tal-Erbgħa, 9 ta' Settembru, 2026.

ERU0209U26F – Devices
ERU0209U26G – Medicinals
ERU0209U26A – Medicinals
ERU0209U26C – Medicinals
ERU0209U26D – Medicinals
ERU0209U26E – Devices

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa għal kompetizzjoni għandhom jiġu sottomessi skont l-istruzzjonijiet mogħtija fid-dossier.

L-4 ta' Settembru, 2026

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO for the Central Procurement and Supplies Unit within the Office of the Deputy Prime Minister and Ministry for Health, notifies that submissions for the below listed ERU Competitive Calls will be received up to 10.00 a.m. on Wednesday, 9th September, 2026.

ERU0209U26F – Devices
ERU0209U26G – Medicinals
ERU0209U26A – Medicinals
ERU0209U26C – Medicinals
ERU0209U26D – Medicinals
ERU0209U26E – Devices

Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be submitted as per instructions given in the dossier.

4th September, 2026

KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Il-Kunsill Lokali Santa Venera jgħarraf li:

Offerti se jintlaqgħu mill-Kunsill Lokali Santa Venera permezz tal-ePPS sad-9.30 a.m. ta' nhar it-Tnejn, 5 ta' Ottubru, 2026, għal:

Avviż Nru SVT/LC/T/09/2026. Servizzi ta' tindif, żamma u manutenzjoni ta' ġonna pubbliċi u soft areas f'Santa Venera bl-użu ta' prodotti u prattiki li ma jagħmlux ħsara 'l ambjent.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba/imniżżla u milqugħa BISS mis-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

L-4 ta' Settembru, 2026

SANTA VENERA LOCAL COUNCIL

The Santa Venera Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Santa Venera Local Council through ePPS, up to 9.30 a.m. on Monday, 5th October, 2026, for the:

Advt No. SVT/LC/T/09/2026. Cleaning, upkeep and maintenance services of public gardens and soft areas in Santa Venera using environmentally friendly products and practices.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

4th September, 2026

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

2271

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, wara Mandat ta' Qbid bin-numru 1591/25 fl-ismijiet Sodiam bin-numru tar-reġistrazzjoni 1999,156 kif debitament rappreżentata mill-mandatarji speċjali tagħha l-Avukat

By decree given by the Civil Court, First Hall, on 26th June, 2026, following a Warrant of Seizure number 1591/25, the company Sodiam with registration number 1999.156 as duly represented by its special mandatories Dr Nicolai

Nicolai Vella Falzon u l-Avukat Thomas Bugeja ġie ffissat il-jum tat-Tnejn, 26 ta' Ottubru, 2026, fil-ħdax ta' filgħodu (11.00 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant li għandu jsir f'Kamra numru 78, Biswit l-Arkivju Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-ishma hawn taħt deskritti maqbudin mingħand is-soċjetà Melbourne Investments B.V bin-numru tar-reġistrazzjoni 31049204 u b'digriet tat-tmintax ta' Frar, 2025, ġie appuntat l-Avukat Kevin Camilleri Xuereb bħala kuratur ad litem.

Elf u ħames mitt (1500) sehem bil-valur ta' ewro (€1) kull sehem.

N.B. L-imsemmija ishma jinbiegħu bħalma ġew deskritti fl-atti tas-Subbasta numru 9/26.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ħamis, 27 ta' Awwissu, 2026

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Vella Falzon and Dr Thomas Bugeja, Monday, 26th October, 2026, at eleven in the morning (11.00 a.m.) has been fixed for the sale by auction, to be held in Room number 78, nearby the Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following shares seized from the company Melbourne Investments B.V. with registration number 31049204 and by decree of 18th February, 2025, Dr Kevin Camilleri Xuereb was appointed as a curator ad litem.

One thousand and five hundred (1500) shares valued at one euro (€1) every share.

N.B. The said shares will be sold as described in the acts of the Judicial Sale file number 9/26.

Registry of the Superior Courts, this Thursday, 27th August, 2026

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar of Civil Courts and Tribunals

2272

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-10 ta' Ġunju, 2026, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 414/2026JVC, fl-ismijiet David Gatt vs Sarah Gatt, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: David Gatt (058377M) vs Sarah Gatt, ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-23 ta' April, 2026, l-esponenti jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-kuntratt datat it-8 ta' Mejju, 2024, fl-atti tan-Nutar Thea Cachia, bejn David Gatt u Sarah Gatt, għandu jiġi mwaqqa' u konsegwentement dak il-kuntratt għandu jkun mingħajr effett;

2. Tordna l-annotazzjoni ta' din is-sentenza fir-Reġistru Pubbliku sabiex il-proprjetajiet immobbli msemmija f'dan ir-rikors jerġgħu jiġu rreġistrati f'isem l-esponenti biss;

3. Jekk meħtieġ, tagħti kull ordni, provvediment u/jew direttiva neċessarja u/jew meħtieġa sabiex it-talbiet ta' hawn fuq jiġu debitament osservati u esegwiti u l-attur jitqiegħed fl-istat li kien qabel ma ġie ffirmat il-kuntratt hawn fuq imsemmi.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta li minn issa stess hija inġunta għas-subizzjoni.

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 10th June, 2026, in the records of the Sworn application number 414/2026JVC, in the names David Gatt vs Sarah Gatt, the following publication was ordered, in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: David Gatt (058377M) vs Sarah Gatt, filed in the Civil Court, First Hall, on the 23rd April, 2026, the applicant prays this Honourable Court:

1. Declare and decide that the contract dated 8th May, 2024, in the records of Notary Thea Cachia, between David Gatt and Sarah Gatt, should be demolished and consequently that contract should be without effect;

2. Order the entry of this judgement in the Public Registry so that the immovable properties mentioned in this application be re-registered in the name of the applicant alone;

3. If necessary, give any order, provision and/or directive so that the above demands are duly observed and executed and the plaintiff is put in the state that was prior to the signing of the contract above mentioned.

With costs against the defendant who is from now summoned so that a reference to her evidence be made.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 414/2026JVC, fl-ismijiet hawn fuq imsemmija huwa differit għas-7 ta' Ottubru, 2026, fid-9.00a.m.

Notifika: Sarah Gatt, Penthouse, Church Heights, Triq Santa Luċija, L-Imtarfa

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 31 ta' Awwissu, 2026

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The Sworn application number 414/2026JVC, in the names above mentioned is deferred to the 7th October, 2026, at 9.00a.m.

Notification: Sarah Gatt, Penthouse, Church Heights, Triq Santa Luċija, Mtarfa

Registry of the Superior Courts, today 31st August, 2026

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2273

Billi Dott. Joshua Grech għon-nom u inrappreżentanza ta' John Joseph Xerri ppreżenta rikors ġuramentat numru 107/2026 (FG) fl-ismijiet: 'Dott. Joshua Grech noe vs Direttur Tar-Reġistru Pubbliku', Fejn Talab Il-Korrezzjoni tal-Att tat-Twelid tar-rikorrenti reġistrat Għawdex, bir-reġistrazzjoni numru 88/1961.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il (15) ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja hawn imsemmija bil-ġurnata li tingħata għas-smigħ tal-kawża.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali.

Illum 31 ta' Awwissu, 2026

LIANNE PORTELLI
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

Whereas Dr Joshua Grech, in the name and on behalf of John Joseph Xerri, filed sworn application number 107/2026 (FG), entitled: 'Dr Joshua Grech noe vs Director of the Public Registry', in which he requested the correction of the Birth Certificate of the applicant, registered in Gozo under registration number 88/1961.

Anyone who considers that they have an interest in the matter and wishes to oppose the said request is hereby called upon, by means of this notice, to state their position by means of a note, which must be filed in the Registry of these Courts within fifteen (15) days from the publication of this notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, submit such a note shall be notified with a copy of the application referred to herein, together with the date fixed for the hearing of the case.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section

Today 31st of August, 2026

LiannePortelli
For the Registrar, Courts and Tribunals (Gozo)

2274

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-21 ta' Awwissu, 2026, wara Mandat ta' Qbid numru 620/25 fuq rikors ta' KA Holdings Limited bin-numru tar-reġistrazzjoni C56023, ġie ffissat il-jum tal-Erbgħa, 21 ta' Ottubru, 2026, fil-ħdax ta' filgħodu (11.00 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'numru 447, fi Triq il-Kbira San Ġuzepp, Santa Venera, tal-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand Samantha Moderni detentriċi tal-karta tal-identità bin-numru 357343A u Christian Yossa Tchungugnene Ngoueyeno detentur tal-karta tal-identità Franċiża bin-numru 190574152518.

Sufan ta' kulur blu;
LCD tal-marka VOX;
Coffee table u mejda ta' kulur kannella;

By decree given by the Civil Court, First Hall, on 21st August, 2026, following the Warrant of Seizure number 620/25 of KA Holdings Limited with the registration number C56023, Wednesday, 21st October, 2026, at eleven in the morning (11.00 a.m.) has been fixed for the sale by auction, to be held at number 447, in Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera, of the following items seized from the property of Samantha Moderni holder of the Maltese identity card number 357343A and Christian Yossa Tchungugnene Ngoueyeno holder of French identity card number 190574152518.

Sofa blue in colour;
LCD of the make VOX;
Coffee table and table brown in colour;

Cupboard b'żewg bibien ta' kulur abjad;
Diversi siġġijiet;
Couch blue u ieħor abjad;
Mejda tonda żgħira;
Mejda tal-plastik ta' kulur iswed;
Xkaffa ta' kulur abjad;
2 folding chairs;
Electronic stimulation instrument;
2 cavitation slimming machine;
Microwave tal-marka Torbow;
Toaster tal-marka Silver Crest;
Kitla tal-marka Sencor;
Magna li tnaddaf it-twapet tal-marka CYCL MIC;

N.B. L-imsemmija oġġetti jinbiegħu bħalma ġew deskritti fl-atti tas-Subbasta numru 6/26.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tlieta, l-1 ta' Settembru, 2026

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

White two door cupboard;
Several chairs;
Blue Couch and another one white;
Small round table;
Black plastic table;
White shelf;
2 folding chairs;
Electronic Stimulation instrument;
2 Cavitation Slimming machine;
Microwave of the make Torbow;
Toaster of the make Silver Crest;
Kettle of the make Sencor;
Carpet Cleaner of the make CYCL MIC.

N.B. The said items will be sold as described in the acts of Judicial Sale number 6/26.

Registry of the Superior Courts, this Tuesday, 1st September 2026

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar of Civil Courts and Tribunals

2275

B'digriet tal-1 ta' Settembru, 2026, mogħti mill-Qorti Ċivili Prim Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-artikoli 187(5) u 338 (1) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni (Kap.12)

Illi b'Rikors u Ċedola ta' Kompensazzjoni kontestwalment preżentati minn Michael Attard Imports Limited bin-numru tar-reġistrazzjoni C34433, fil-31 ta' Lulju, 2026, qed tintalab tpaċija tal-ammont ta' €21,900 prezz minnhom offert fil-bejgħ bl-irkant 7/26 fl-ismijiet Michael Attard Imports Limited (C34433) vs T8R Limited bin-numru tar-reġistrazzjoni C101695 u Mostafa A.A. Bouamid (KI 132671A) miżmum taħt l-awtorità ta' din il-Qorti fid-29 ta' Lulju, 2026.

Skont Artiklu 338 (2) tal-Kapitlu 12: Kull min jista' jkollu interess u l-persuni hekk notifikati għandhom żmien għoxrin ġurnata biex jippreżentaw tweġiba li fiha jiddikjaraw bid-dettall ir-raġunijiet għall-oppożizzjoni tagħhom u s-somom kontestati; u meta dik l-oppożizzjoni tkun imsejħa fuq talba li tolqot ir-rikavat tal-bejgħ u allegata kawża ta' preferenza, huma għandhom jiddikjaraw l-ammont ta' dik it-talba u l-bażi għal dik il-preferenza. Dawn il-persuni għandhom flimkien mar-risposta jippreżentaw kull prova rilevanti sabiex jissostanzjaw l-opożizzjoni tagħhom.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum it-Tlieta, l-1 ta' Settembru, 2026

MARVIC FARRUGIA
Għar- Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a Decree of the 1st September, 2026, given by the First Hall Civil Court, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according the Articles 187 (5) and 338 (1) of the Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12).

That by application and a Schedule of set-off filed contemporaneously by Michael Attard Imports Limited with the registration number C34433, on the 31st July, 2026, the approval of the said judicial acts is being demanded for the amount of €21,900 following judicial sale by auction 7/26 in the names Michael Attard Imports Limited (C34433) vs T8R Limited with the registration number C101695 and Mostafa A.A. Bouamid (ID 132671A) held under the Authority of the said Court on 29th July, 2026.

According to Article 338 (2) of Cap. 12: Any person who may have an interest and the persons so served shall be allowed the time of twenty days to file an answer stating in detail the reasons for their opposition and the amounts in contestation; and where such opposition is based on a claim against the proceeds of sale an alleged cause of preference, they are to state the amount of such claim and the basis for the preference. Such persons shall with the answer file all relevant evidence to substantiate their opposition.

Registry of the Superior Courts this Tuesday, 1st September, 2026

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2276

B'digriet tat-13 ta' Awwissu, 2026, mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), dina il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 187 (3) tal-Kodici tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap.12).

Illi b'rikors ippreżentat minn Bank of Valletta plc (C2833) fil-25 ta' Frar, 2026, qed jintalab l-iżbank fl-ammont ta' elfejn u għoxrin ewro u erbgħin ċenteżmu (€2,020.40) li ġew depożitati permezz ta' Ċedola numru 1159/2025 wara l-mandat ta' sekwestru 249/2025 fl-ismijiet:

Bank of Valletta plc (C 2833) vs Maria McKay (KI 550292M)

Il-Qorti ordnat in-notifika lill-intimata Maria McKay li jkollha ġimgħa għar-risposta.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum it-Tlieta, l-1 ta' Settembru, 2026

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree given on the 13th of August, 2026, given by the Magistrates Court (Malta) ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

That by the application filed by Bank of Valletta plc (C2833) on the 25th February, 2026, is requesting the withdrawal of the amount of two thousand and twenty euro and forty cent (€2,020.40) deposited by the Schedule of Deposit number 1159/2025 after garnishee order 249/2025 in the names of:

Bank of Valletta plc (C 2833) Vs Maria McKay (ID 550292M)

The Court ordered the notification to the respondent Maria McKay with one week to file a reply.

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today Tuesday, 1st September, 2026

GAETANA AQUILINA
For Registrar of Courts and Civil Tribunals

2277

ARB/C105/2026 – ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fl-21 ta' Awwissu, 2026, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja (il-Maġistrat Dott. Jean Paul Grech, LLD), Kumpilazzjoni Numru 727/2026, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

HAMZA BAKKALI, student, ta' 23 sena, iben Ahmed Bakkali u Nour El Houda Taidi, imwieled fil-Marokk, fit-3 ta' Settembru, 2002, u residenti fil-Belġju u detentur ta' karta tal-identità Belġjana bin-numru 02.09.03-451.78.

Il-Qorti ordnat il ħruġ ta' Ordni ta' Qbid u Ffriżar li permezz tiegħu qed jiġi sekwestrati l-ammont ta' erbat elef, tliet mija u wieħed u għoxrin ewro (€4,321) jew proprjetà ekwivalenti għal dan l-ammont li huwa suġġetti għal konfiska fil-każ ta' sejbien ta' ħtija, u qiegħda b'dan iżżomm u tipprojbixxi lill HAMZA BAKKALI milli jittrasferixxi, jgħati b'rahan, jipoteka, jew b'xi mod ieħor ibiddel jew jiddisponi minn dan l-ammont ta' flus jew proprjetà ekwivalenti għal dan l-ammont u dan ai termini tal -Artikolu 36(1) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta

ARB/C105/2026 – SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 21st August, 2026, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Jean Paul Grech, LLD), with Compilation Number 727/2026, in the case:

The Republic of Malta

Versus

HAMZA BAKKALI, student, 23 years, son of Ahmed Bakkali and Nour El Houda Taidi, born in Marocco, on the 3rd September, 2002, and residing in Belgium and holder of Belgian Identity Card bearing number 02.09.03-451.78.

The Court ordered a Seizing and Freezing Order for the sum of four thousand three hundred and twenty-one euro (€4,321), or property equivalent to this amount, which is liable to confiscation in the event of a finding of guilt and it is hereby prohibiting HAMZA BAKKALI from transferring, pledging, hypothecating, or in any other way altering or disposing of this sum of money or property equivalent to this amount, in terms of Article 36(1) of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta.

Il-Qorti awtorizzat lill-imputat li jipperċepixxi u jitħallas, matul il-validità tal-Ordni ta' Qbid u Ffriżar, ammont li annwalment ma jkunx iktar minn €21,945 sabiex tippermetti lilu u lill-familja tiegħu għajxien deċenti, kemm-il darba l-imputat jiddikjara b'rikors l-għejun tal-fondi li għandhom jiġu hekk perċepiti.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 36(1) tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn tnax-il elf ewro (€12,000) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' proprjetà li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Illum l-1 ta' Settembru, 2026

IS-SA EUNICE GRECH FIORINI
Direttur, Uffiċċju għal-Irkupru tal-Assi

The Court authorised the accused to receive and be paid, during the validity of the Seizure and Freezing Order, an amount not exceeding €21,945 annually, in order to enable him and his family to maintain a decent standard of living, provided that the accused declares by means of an application the sources of the funds to be so received.

Any person who acts in contravention of the court order mentioned in Article 36(1) referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine (multa) not exceeding twelve thousand Euro and (€12,000), or to imprisonment for a period not exceeding twelve months, or to both such fine and imprisonment.

Any transfer or other disposal of any property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Today 1st September, 2026

MS EUNICE GRECH FIORINI
Director, Asset Recovery Bureau

2278

ARB/C088/2026 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fis-27 ta' Awwissu, 2026, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (il-Maġistrat Dott. Nadia H. Vella, LLD), Kumpilazzjoni Numru 1890/2026, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

JAIDAN VELLA, ta' 26 sena, iben Charles Vella u Mary Anne Vella xebba' Borg, imwieled f'Tas-Sliema, Malta, fit-3 ta' Novembru, 1999, u residenti f'4, My Dream, Triq l-Isqof Antonio Zahra, Iż-Żejtun, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 376799M.

Il-Qorti ORDNAT lil HSBC Bank Malta plc sabiex tattiva mill-ġdid il-kont bankarju miżmum f'isem JAIDAN VELLA li jispiċċa bin-numru -3050, bir-restrizzjonijiet kollha neċessarji sabiex l-Ordni ta' Qbid u Ffriżar datat is-26 ta' Marzu, 2026, jibqa' fis-seħħ.

Il-Qorti ORDNAT lil HSBC Bank Malta plc sabiex tiddepożita s-somma ta' €9,807.74 li tappartjeni lil JAIDAN VELLA fl-imsemmi kont bankarju li jispiċċa bin-numru -3050, liema somma għandha tibqa' ffriżata skont l-Ordni ta' Qbid u Ffriżar datat is-26 ta' Marzu, 2026.

ARB/C088/2026 – VARIATION OF A SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 27th August, 2026, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Judicature (Magistrate Dr Nadia H. Vella, LLD), with Compilation Number 1890/2026, in the case:

The Republic of Malta

Versus

JAIDAN VELLA, 26 years, son of Charles Vella and Mary Anne Vella née Borg, born in Tas-Sliema, Malta, on the 3rd November, 1999, and residing at 4, My Dream, Triq l-Isqof Antonio Zahra, Żejtun, and holder of a Maltese identity card bearing number 376799M.

The Court ORDERED HSBC Bank Malta plc to reactivate the bank account held in the name of JAIDAN VELLA ending in -3050, subject to all restrictions necessary for the Seizing and Freezing Order dated 26th March, 2026, to remain in force.

The Court ORDERED HSBC Bank Malta plc to deposit the amount of €9,807.74 belonging to JAIDAN VELLA into the said bank account ending in -3050, which amount shall remain frozen in terms of the Seizing and Freezing Order dated 26th March, 2026.

Il-Qorti AWTORIZZAT lil JAIDAN VELLA sabiex jiddepożita fl-imsemmi kont bankarju li jispiċċa bin-numru -3050 kwalunkwe salarju, paga, pensjoni u benefiċċji soċjali li jkunu se jitħallsu lilu.

Il-Qorti AWTORIZZAT lil JAIDAN VELLA sabiex jiżbanka annwalment mill-imsemmi kont bankarju li jispiċċa bin-numru -3050 s-somma ta' €13,976.24 (tlettax-il elf, disa' mija u sitta u sebgħin ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu), kif previst mil-liġi.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 36 tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikolu 22A (3) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni ta' qbid u ffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Nadia H. Vella, LLD), f fis-26 ta' Marzu, 2026, li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fil-31 ta' Lulju, 2026, fejn il-Qorti ordnat iż-żamma u s-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta JAIDAN VELLA.

Illum l-1 ta' Settembru, 2026

IS-SA EUNICE GRECH FIORINI
Direttur, Uffiċċju għal-Irkupru tal-Assi

The Court AUTHORISED JAIDAN VELLA to deposit into the said bank account ending in -3050 any salary, wages, pension and social benefits payable to him.

The Court AUTHORISED JAIDAN VELLA to withdraw annually from the said bank account ending in -3050 the amount of €13,976.24 (thirteen thousand, nine hundred and seventy-six euro and twenty-four cents), as provided by law.

This variation is being published in terms of Article 36 of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta and Article 22A (3) of the Dangerous Drugs Ordinance, Cap. 101 of the Laws of Malta, following a seizing and freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Judicature (Magistrate Dr Nadia H. Vella, LLD) on the 26th March, 2026, which was published in the Government Gazette on the 31st July, 2026, where the Court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to JAIDAN VELLA.

Today 1st September, 2026

MS EUNICE GRECH FIORINI
Director, Asset Recovery Bureau

2279

ARB/C073/2026 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fl-14 ta' Awwissu, 2026, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (il-Maġistrat Dott. Caroline Farrugia Frendo, LLD). Kumpilazzjoni Numru 6433/2025, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

MATTHIAS WILLIAM PISANI, ta' 24 sena, iben Carmelo Pisani u Isabella xebba Ciangura, imwieled f'Tal-Pietà, Malta, fl-10 ta' Frar, 2002, u resident f'31, Girlanda, Triq l-Ewwel ta' Novembru 1950, Il-Mosta, Malta, detentur tal-karta tal-identità Maltija, bin-numru 62102L u b'indirizz reġistrat fi 33, Tlugħ ix-Xemx, Flat 2, Triq l-1 ta' Novembru 1950, Il-Mosta.

Il-Qorti AWTORIZZAT lil MATTHIAS WILLIAM PISANI sabiex iħallas lil HSBC Bank Malta plc il-pagamenti rateali kollha indikati fid-dokumenti annessi mar-rikors datat is-7 ta' Awwissu, 2026, inkluż kwalunkwe arretrati li setgħu akkumulaw.

ARB/C073/2026 – VARIATION OF A SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 14th August 2026 given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Judicature (Magistrate Dr Caroline Farrugia, LLD). Compilation Number 6433/2025, in the case:

The Republic of Malta

Versus

MATTHIAS WILLIAM PISANI, 24 years, son of Carmelo Pisani and Isabella née Ciangura, born in Tal-Pietà, Malta, on the 10th February, 2002, and residing at 31, Girlanda, Triq l-Ewwel ta' Novembru 1950, Mosta, Malta, holder of Maltese identity card, bearing number 62102L and with registered address at 33, Tlugħ ix-Xemx, Flat 2, Triq l-1 ta' Novembru 1950, Mosta.

The Court AUTHORISED MATTHIAS WILLIAM PISANI to pay HSBC Bank Malta plc all the instalment payments indicated in the documents annexed to the application dated 7th August, 2026, including any accumulated arrears.

Il-Qorti AWTORIZZAT ukoll lil HSBC Bank Malta plc sabiex taċċetta l-imsemmija pagamenti mingħand MATTHIAS WILLIAM PISANI.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini Artikolu 22A (3) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluži, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni ta' qbid u ffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Caroline Farrugia, LLD), fid-29 ta' Settembru, 2025, li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fis-17 ta' Lulju, 2026, fejn il-Qorti ordnat iż-żamma u s-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta MATTHIAS WILLIAM PISANI.

Illum l-1 ta' Settembru, 2026

IS-SA EUNICE GRECH FIORINI
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

The Court further AUTHORISED HSBC Bank Malta plc to accept the said payments from MATTHIAS WILLIAM PISANI.

This variation is being published in terms of Article 22A (3) of the Dangerous Drugs Ordinance, Cap. 101 of the Laws of Malta, following a seizing and freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Judicature (Magistrate Dr Caroline Farrugia, LLD) on the 29th September, 2025, which was published in the Government Gazette on the 17th July, 2026, where the Court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to MATTHIAS WILLIAM PISANI.

Today 1st September, 2026

MS EUNICE GRECH FIORINI
Director, Asset Recovery Bureau

2280

B'diġriet tas-27 ta' Awwissu, 2026, mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodici tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap.12).

Illi b'rikors ippreżentat minn Dott. Edward DeBono (KI 592758M) bħala mandatarju tal-assenti Joseph Vassallo (KI 157031M) u Antonia Vassallo (passaport Malti bin-numru 1090230) nhar it-23 ta' Jannar, 2026, qed jintalab l-iżbank fl-ammont ta' ħdax-il elf, mija u erbgħa u sittin ewro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€11,164.34) li ġew depożitati permezz ta' ċedola numru 2679/2025 wara l-mandat ta' sekwestru 2081/2025 fl-ismijiet:

Dott. Edward DeBono (KI 592758M) bħala mandatarju tal-assenti Joseph Vassallo (KI 157031M) u Antonia Vassallo (passaport Malti bin-numru 1090230) vs Rose Marie Ellul Phillips (KI 92377M)

Il-Qorti ordnat in-notifika lill-intimata bi żmien ħamest (5) ijiem għar-risposta.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum it-Tlieta, l-1 ta' Settembru, 2026.

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree given on the 27th of August, 2026, given by the Magistrates Court (Malta) ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

That by the application filed by Dr Edward DeBono (ID 592758M) as a mandatory for the absent Joseph Vassallo (ID 157031M) and Antonia Vassallo (holder of Maltese passport number 1090230) on the 23rd January, 2026, is requesting the withdrawal of the amount of eleven thousand, one hundred and sixty four euro and thirty four cent (€11,164.34) deposited by the Schedule of deposit number 2679/2025 after garnishee order 2081/2025 in the names of:

Dr Edward DeBono (KI 592758M) as a mandatory for the absent Joseph Vassallo (ID 157031M) and Antonia Vassallo (holder of Maltese passport number 1090230) Vs Rose Marie Ellul Phillips (ID 92377M)

The Court ordered the notification to the respondent with five (5) days to reply.

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today Tuesday, 1st September, 2026.

GAETANA AQUILINA
For Registrar of Courts and Civil Tribunals

2281

Avviż ai termini tal-Artikolu 495A tal-Kodiċi Ċivili

Maħruġ mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Notice in terms of article 495A of the Civil Code

Issued by the Court of Magistrates (Gozo)

Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

Rikors numru: 98/2026

Rikors ai termini tal-Artikolu 495A tal-Kodiċi Ċivili

Josephine Cuschieri (KI 538431); Maria Antonia Reynolds (KI 89449G); Georgia Day (KI 67845G); Joseph Gafa (AU liċenzja tas-sewqan 8617DA); Martwanie Gafa (AU liċenzja tas-sewqan 2779FC); Vincent Gafa (AU liċenzja tas-sewqan 4206FH); Michelle Natalie Camilleri (AU liċenzja tas-sewqan 12188606)

vs

L-Av. Dott. Marsette Portelli Xerri nominata kuratur permezz ta' digriet data 28 ta' Awwissu, 2026, sabiex tirrappreżenta lil imsiefer Liberat Galea detentur tal-karta tal-identità numru 77247G, bin Micheal Galea u Michelina Galea née Farrugia, sid ta' porzjon tad-dar bin-numru dsatax (19) bir-raba' konfinanti magħha fi Triq ta' Mannar, li kienet magħrufa bħala Triq Mannar, ix-Xagħra, Għawdex, tal-kejl ta' ħames mija ħamsa u għoxrin metru kwadrati (525 m.k.) b'madretta ta' ċirka tliet (3) kejliet u li tmiss mat-Tramuntana ma' beni ta' Vincenza Sultana, mal-Lvant ma' beni ta' Gius Sultana u min-Nofsinhar ma' beni ta' Ganni Cassar, inkluż kwalunkwe benefikati eretti fuq l-imsemmija art.

Rikors ta' Michelle Marie Camilleri (KI 355605L) f'isem u in rappreżentanta tal-erbgha (4) aħwa Josephine Cuschieri (KI 53843) residenti l-Ħamrun, Malta; Maria Antonia Reynolds (KI 89449G) residenti x-Xagħra, Għawdex; Georgia Day (KI 67845G) residenti l-Ingilterra; u l-eredi ta' Theresa Gafa: Joseph Gafa (AU liċenzja tas-sewqan 8617DA) residenti l-Awstralja; Martwanie Gafa (AU liċenzja tas-sewqan 2779FC) residenti l-Awstralja, Vincent Gafa (AU liċenzja tas-sewqan 4206FH) residenti l-Awstralja; Michelle Natalie Camilleri (AU liċenzja tas-sewqan 12188606) residenti l-Awstralja, hekk kif hi ġiet awtorizzata bil-prokuri annessi u mmarkati bħala Dok. A sa Dok. F;

Tesponi bir-rispett u bil-ġurament tagħha tikkonferma:

1. Illi din il-kawża tirrigwardja d-dar bin-numru dsatax (19) bir-raba' konfinanti magħha fi Triq ta' Mannar, li kienet magħrufa bħala Triq Mannar, ix-Xagħra, Għawdex, tal-kejl ta' ħames mija ħamsa u għoxrin metru kwadrati (525 m.k.) b'madretta ta' ċirka tliet (3) kejliet u li tmiss mat-Tramuntana ma' beni ta' Vincenza Sultana, mal-Lvant ma beni ta' Gius Sultana u min-Nofsinhar ma' beni ta' Ganni Cassar inkluż kwalunkwe benefikati li jista' jkun hemm eretti fuq l-imsemmija art, liema art hija murija fuq is-site plan annessa u mmarkata bħala dokument 'Dok. G';

2. Illi l-partijiet kollha hawn fuq indikati huma komproprjetarji ta' dan il-porzjon art u l-istess kontendenti

Superior Jurisdiction, General Section

Application number: 98/2026

Application in terms of Article 495A of the Civil Code

Josephine Cuschieri (ID 538431); Maria Antonia Reynolds (ID 89449G); Georgia Day (ID 67845G); Joseph Gafa (AU driving licence 8617DA); Martwanie Gafa (AU driving licence 2779FC); Vincent Gafa (AU driving licence 4206FH); Michelle Natalie Camilleri (AU driving licence 12188606)

vs

Av. Dr Marsette Portelli Xerri nominated curator by means of a decree dated 28th August, 2026, to represent the abroad Liberat Galea holder of identity card number 77247G, son of Micheal Galea and Michelina Galea née Farrugia, owner of a portion of the house numbered nineteen (19) with its boundaries in Triq Ta' Mannar, formerly known as Triq Mannar, Xagħra, Gozo, covering an area of five hundred and twenty five meters squared (525 sq. m.) with a draught of circa three (3) measurements and bounded on the north by property of Vincenza Sultana, on the east by property of Gius Sultana and on the south by property of Ganni Cassar, including any ameliorations erected on the said land.

Application of Michelle Marie Camilleri (ID 355605L) in the name and in representation of the four (4) brothers and sisters Josephine Cuschieri (ID 53843) residing in Ħamrun, Malta; Maria Antonia Reynolds (ID 89449G) residing in Xagħra, Gozo; Georgia Day (ID 67845G) residing in England; and heirs of Theresa Gafa: Joseph Gafa (AU driving licence 8617DA) residing in Australia; Martwanie Gafa (AU driving licence 2779FC) residing in Australia, Vincent Gafa (AU Licenzja sewqan 4206FH) residing in Australia; Michelle Natalie Camilleri (AU Licenzja sewqan 12188606) residing in Australia, as she was authorised by powers of attorney attached and marked as Doc. a; A to Doc. a. F;

Respectfully pleads and confirms on oath:

1. That this case relates to the house numbered nineteen (19) with its boundaries in Triq Ta' Mannar, formerly known as Triq Mannar, Xagħra, Gozo, measuring the area of five hundred and twenty five square metres (525 sq.m.) with a draught of circa three (3) measurements and bounded on the North by property of Vincenza Sultana, on the East by property of Gius Sultana and on the South by property of Ganni Cassar including any ameliorations which may occur on the said land, which land is shown on the site plan attached and marked as document 'Doc. G';

2. That all the parties above indicated are the co-owners of this portion of land and the same parties have been in a

ilhom fi stat ta' komproprjetà fit-titolu tal-proprjetà de quo għal perjodu ta' ferm aktar minn tlett (3) snin u dan hekk kif jirriżulta mill-provenjenza maħlufa anness u mmarkat Dok. 'H';

3. Illi kontestwalment mal-preżenti rikors ir-rikorrenti qed jippreżentaw arblu tar-razza Dok. 'I', kif ukoll dikjarazzjoni ai termini tal-artikolu 495A (4) tal-Kodiċi Ċivili (dikjarazzjoni prospett tal-ishma hawn annessa u mmarkata Dok. 'J');

4. Illi r-rikorrenti daħlu rispettivament għall-konvenju hawn anness u mmarkat bħala Dok. 'K' sabiex ibigħu l-fond de quo, bi prezz pattwit ta' tliet mija ħamsa u disgħin elf ewro (€395,000) għall-proprjetà kollha fl-intier tagħha, liema prezz jinkludi wkoll is-sehem indiviż tal-konvenuti;

5. Illi dan il-konvenju ġie debitament reġistrat mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni bir-referenza numru PS202512113;

6. Illi l-vendituri mhumiex fil-pożizzjoni li jbigħu l-intier tal-fond stante illi l-konvenut Liberat Galea huwa assenti minn dawn il-gżejjer u ħadd mir-rikorrenti ma kellu kuntatt miegħu għal iktar minn (30) sena u għalhekk ir-rikorrenti qed jipprevalixxu ruħhom mill-artikolu 495A tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex jiġi approvat il-bejgħ tal-intier minn din l-Onorabbli Qorti;

7. Illi kontemporanjament ma' dan ir-rikors qed issir talba għal ħatra ta' kuratur sabiex jirrappreżenta lill-intimat;

8. Illi l-istess rikorrenti jikkonfermaw illi m'hemm l-ebda kawża dwar qsim tal-istess proprjetà quddiem xi tribunal jew qorti kompetenti tal-pajjiż;

9. Illi r-rikorrenti qed iressqu wkoll id-dikjarazzjoni tagħhom skont il-liġi, senjatament skont l-artikolu 495A(2) illi huma jaqblu mal-bejgħ ai termini tal-imsemmi konvenju anness u mmarkat Dok. 'L';

10. Illi l-atturi jikkonfermaw illi l-prezz pattwit u propost huwa wieħed ġust u xieraq u għalhekk il-komproprjetarju intimat mhux sejjer ikun gravament ippreġudikat fl-eventwalità li l-Qorti tordna l-bejgh ta' din il-proprjetà;

11. Illi għalhekk skont l-artikolu 495A tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta jeżistu l-estremi kollha sabiex din l-Onorabbli Qorti tawtorizza dan il-bejgħ;

12. Illi r-rikorrenti jafu b'dawn il-fatti personalment u għalhekk kellha issir din il-kawża.

Għaldaqstant, u in vista tas-su espost ir-rikorrenti umilment jitoblu lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

state of co-ownership in the title of the property de quo for a period of much more than three (3) years and this as results from the sworn provenance attached and marked Doc. 'H';

3. That together with the present application the applicants are presenting a family tree Doc. 'I', as well as a declaration in terms of Article 495A (4) of the Civil Code (declaration prospect of shares hereby attached and marked Doc. 'J');

4. That the applicants entered respectively for the preliminary agreement here attached and marked as Doc. 'K' to sell the premises de quo, for an agreed price of three hundred ninety five thousand euro (€395,000) for all the property in its entirety, which price includes also the undivided share of the defendants;

5. That this preliminary agreement was duly registered with the Commissioner of Inland Revenue with reference number PS202512113;

